MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Talba Numru. 766/2013

**Vodafone Malta Limited**
**(C-10865)**

**vs**

**Aldo Caruana**
**(ID No-295875-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf, dsatax-il ewro u hamsin centezmu (€1,019.50c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikont anness u mmarkat bhala 'Dok. VF1'. Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-

pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa' inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi addottata din il-procedura.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqset li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, dsatax-il ewro u hamsin centezmu (€1,019.50c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------